**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kawza Numru 537/2022**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Eman Hayman]**

**vs**

**Rachael Shaw**

**Illum, 20 ta' Settembru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputata:

"**Rachael Shaw**, detentrici tal-karta ta' l-identita' 0510475M;

U nakkużaha talli nhar l-04/09/2022 ghal ħabta tal-hinijiet ta' bejn 7PM u 8PM ġewwa Raħal Gdid

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqieghed il-ħajja tas-sieħeb taghha **Petru Marius Gurban** f'periklu ċar, volontarjament

ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq persuntu

2. Inġurjat, jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' **Ps 462 Darren Farrugia,** persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħad jagħmel u, jew minħabba li kienu qeghdin jaghmel dan is-servizz u, jew bil-ħsieb li tbeżża' u, jew tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz

3. Ħebbet sabiex tinġurja, idejjaq jew tagħmel ħsara lis sieħeb tagħha **Petru Marius Gurban** jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Rachael Shaw** a benefiċju tas-sieħeb tagħha **Petru Marius Gurban** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet ġenitlment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittma u, jew vittmi msemmija kif ukoll għall-familjari tagħhom u f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu

mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Semghet l-ammissjoni tal-imputata fis-seduta tal-lum stess.

Rat il-fedina penali tal-imputata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-kawza tittratta dwar incident li allegatament sehh fl-04 ta' Settembru 2022 ghall-ħabta tal-hinijiet ta' bejn is-sebgha ta' filghaxija (7.00pm) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00pm) ġewwa Raħal Gdid, (1) fejn l-imputat allegatament volontarjament kissret tazza tal-hgieg f'wicc is-sieħeb taghha **Petru Marius Gurban** u kkagunatlu offiża ta' natura gravi fuq persuntu; (2) kif ukoll l-imputata allegatament inġurjat, jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' **PS 462 Darren Farrugia;** u (3) hebbet sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lis sieħeb tagħha **Petru Marius Gurban**.

**Ikkunsidrat:**

**Ammissjoni Bikrija**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputata **Rachael Shaw,** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Piena**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qeghda tqis il-fedina penali tal-imputata, il-kollaborazzjoni taghha mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tal-imputata, kif ukoll in-natura u gravita' tar-reati lilha addebitati.

**Decide:**

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja u wara li rat l-Artikli 95 (ee), 202(h), 208(AC), 214, 216, 218, 222(1), 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti tqis illi piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja f'dan il-kaz u konsegwentament il-Qorti qieghda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum u bil-kundizzjoni illi l-imputata tissottometti ruhha ghal Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artiklu 412D tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tindirizza l-problema li ghandha tal-abbuz mill-alkohol u kwalunkwe problema ohra li tista' tirrizulta u dan ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputata l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-imputata tiddikjara li fehmet l-istess.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur